MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 597/2005

**Vogue Labels Limited**

**vs**

**Stefan Vassallo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tmenin Lira Maltin Lm180.00) rapprezetanti prezz ta' xoghol ta' *printing* liema xoghol sar fuq struzzjonijiet tal-konvenut u gie debitament konsenjat.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut irrifjuta ix-xoghol ta' *printing* illi l-istess socjeta' attrici

ghamlet minhabba li l-kunsinna ta' xoghol ma kienitx tal-kwalita' miftehma u ma saritx fiz-zmien miftiehem.

Sema' x-xhieda ta' Michael Ciavola. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici rrizulta li l-konvenut kien ordna minghandha *printing* ta' tabella. Din it-tabella kienet giet ikkonsenjata lill-konvenut u dan wara xi zmien kien ilmenta li l-kulur ma kienx kif xtaq hu izda huwa naqas milli jirritorna lura l-imsemmija tabella u milli jhallas il-prezz miftiehem ghall-istampar tal-istess.

Il-konvenut min-naha l-ohra, ghalkemm fir-Risposta tieghu jindika li x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' patwita u ma giex konsenjat skond kif miftiehem, naqas milli jressaq provi fir-rigward u dan minkejja li l-kawza giet differita diversi drabi sabiex huwa jressaq il-provi tieghu.

Ghaldaqstant, peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------